MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 730/2004

**Avukat Dottor Greta Mifsud Agius a nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Franciza Tetzelec Europe SA**

**Vs**

**DI Limited (C20906)**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi s-socjeta' konvenuta ordnat minghand l-attrici noe merkanzija, liema merkanzija giet konsenjata lil u accettata mill-istess socjeta' konvenuta (Dok A, B, C, D, E, F, G, H);

Peress illi s-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li thallas lill-attrici noe l-bilanc ta' somma akbar dovuta ghall-imsemmija merkanzija ammontanti ghal tliet mitt elf Euro (€300,000), ekwivalenti ghal mija u tletin elf, erba mija u erba u tletin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm130434.78), skond ir-rate of exchange tal-lum bir-rata ta' 2.3 Euro ghal kull lira Maltija;

Peress illi s-socjeta konvenut mhux biss accettat li hija debitrici fis-somma imsemmija imma anke obbligat ruhha li thallas lill-attrici s-somma hawn fuq indikata cioe' ta' tliet mitt elf Euro (€300,000), ekwivalenti ghal mija u tletin elf, erba mija u erba u tletin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm130434.78), skond ir-rate of exchange tal-lum bir-rata ta' 2.3 Euro ghal kull lira Maltija, f'erba pagamenti kif jirrizulta minn korrispondenza skambjata bejn il-partijiet u partikolarment kif jidher mill-ittri e-mail mibghuta mis-socjeta' konvenuta specjalment dik tal-5 ta' Gunju 2003 imma anki dik tal-24 ta' Lulju, 2003, kopja ta' liema qed jigu hawn annessi u markati bhala Dok I;

Peress illi s-socjeta' konvenuta halset l-ewwel pagament ta' hamsin elf euro (€50,000) ekwivalenti ghal wiehed u ghoxrin elf, seba mija u disa' u tlettin liri Maltin u tlettax-il centezmu (Lm21739.13) skond ir-rate of exchange tal-lum bir-rata ta' 2.3 Euro ghal kull lira Maltija, izda naqset milli thallas il-pagamenti l-ohra, bir-rizultat b'dan li illum hemm dovut bilanc ghal favur l-attrici noe ammontanti ghas-somma ta' mitejn u hamsin elf euro (€250,000) ekwivalenti ghal mija u tmint elef, sitt mija u hamsa u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm108695.65) skond ir-rate of exchange tal-lum bir-rata ta' 2.3 Euro ghal kull lira Maltija;

Peress li l-ammont dovut lill-attur nomine jammonta ghal dejn li huwa cert likwidu u dovut fit-termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili

Tghid is-socejta' konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Bl-ispejjes tal-attur nomine bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 ta’ Kodici ta’ Organizzazjoni u Procedura Civili.

2. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attrici nominee is-somma ta’ mitejn u hamsin elf euro (€250,000) ekwivalenti ghal mija u tmint elef, sitt mija u hamsa u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm108695.65) skond ir-rate of exchange tal-lum bir-rata ta’ 2.3 Euro ghal kull lira Maltija jew rata ohra meta effettivament isir il-hlas li jkun ekwivalenti ghas-somma ta’ mitejn u hamsin elf euro (€250,000) dovuti ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet tas-6.5 fil-mija (6.5%) mid-data tar-rispettivi fatturi kontra s-socjeta’ konvenuta li huma minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota prezentata mill-konvenuti fil-5 ta’ Ottubru 2004 (fol. 32) li biha s-socjeta’ konvenuta ammettiet t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-mottivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ konvenuta kif dedotta, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-intimati.

Moqrija

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------